# Il-Kwadru Titulari tal-Bażilika Karmelitana tal-Belt Valletta

Is-Sur Mario Fenech



Il-Kwadru titulari tal-Bażilika Karmelitana tal-Belt Valletta għandu importanza kbira f`dik li hija Devozzjoni Marjana f'Malta. Dan il-Kwadru huwa l-ewwel wieħed f Pajjiżna li kien ġie Solennement inkurunat b`Digriet nhar il-15 ta` Lulju 1881.

Il-Patrijiet Karmelitani kienu bdew il-ħidma Pastorali tagħhom fir-Rabat fis-sena 1418. Damu hemm għal żmien twil biex imbagħad meta il-Gran Mastru Pietro Del Monte kien tahom biċċa art bil-Belt il-ġdida biex jibnu Knisja u l-Kunvent tagħhom huma daħlu għal dan ix-xogħol b`energija kbira tant li l-Knisja kienet lesta sas-Sena 1591. Inbniet fuq il-Pjanta tal-Arkitett Glormu Cassar u giet iddedikata lill-Madonna bit-titlu tal-Karmelu.



Il-Kwadru titulari għal din il-Knisja ma nafux minn fejn kien inġieb u lanqas min kien l-Artist tiegħu. Dan mill-ewwel ġibed lejh devozzjoni kbira mhux biss min-nies tal-Belt, iżda wkoll minn dawk li kienu jżuru lil din il-Knisja ta` spiss. Peress li l-knejjes l-oħrajn tal-Belt kienu għadhom ma ġewx mibnija din il-Knisja serviet ukoll għal xi żmien bħala Knisja Parrokkjali.

Il-Kwadru jissemma fir-Rapport tal-Vista Pastorali li kien għamel fil-Knisja l-Inkwizitur Ġenerali ta` Malta Mons. Gregorio Salviati f'Ġunju tas-Sena 1755.

Fil-kitba tiegħu huwa jgħid hekk; "L-Altar Maġġur hu ddedikat lill-Imqaddsa Verġni tal-għolja tal-Karmelu. Il-Kwadru titulari hu għoli qama u sitt ixbar u wiesa' madwar disat ixbar.

Jirrappreżenta principalment lill-Madonna li għandha fi driegħha tax-xelluġ lill-Bambin Ġesù. Bi driegħha tal-lemin qed tagħti l-Labtu Mqaddes lil San Xmun Stock. Fuq ix-Xellug jinsabu

l-Qaddisin Sant'Agatha u Santa Luċija. Fin-naħa t'isfel tal-Kwadru jidhru l-Erwieħ tal-Purgatorju".

Maż-żmien din il-Figura ta' Santa Lucija ma baqgħetx tidher u l-aħħar li tissemma kien fis-sena 1836.

F'deskrizzjonijiet oħrajn ta' dan il-Kwadru u li saru matul is-snin nistgħu ngħidu li dan il-Kwadru kien xi ftit akbar meta kien gie akkwistat u żgur li kien sar xi tibdil fih ukoll.

It-talba uffiċċjali lill-Kapitlu tal-Vatikan biex dan il-Kwadru jigi inkurunat kienet saret mil-Patrijiet Karmelitani permezz tal-Ġeneral tal-Karmelitani Patri Angelo Savini u bil-Kunsens tal-Isqof ta' Malta Mons. Carmelo Scicluna fis-Sena 1874. Din it-Talba kienet saret meta dan il-Kwadru diġà kien ilu madwar 350 sena li tpitter.

It-Talba kienet ġiet approvata mil-Kapitlu tal-Vatikan nhar id-19 ta' Ġunju 1880 bil-kunsens tal-Qdusija Tieghu l-Papa Leone XIII.

Saru tħejjijiet kbar biex iċ-Ċerimonja tal-inkurunazzjoni tal-kwadru tkun waħda memorabbli peress li din kienet se tkun l-ewwel waħda ta' dan tip fil-Gzejjer Maltin. Iċ-Ċerimonja tmexxiet mill-Arċisqof Carmelo Scicluna nhar il-15 ta' Lulju 1881.

Maż-żmien id-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Karmnu baqgħet tikber u l-knisja saret Santwarju u aktar tard Bażilika Minuri. Dwar dan nikteb fl-artiklu tas-Sena d-dieħla.




**JOHN'S GARAGE**

V.R.T. Testing Station

**Tests for all types of private and light-commercial vechicles carried out on modern and latest equipment**

**Felix Zahra**
**Sliema Road, Gzira. Tel: 21 33 48 49**

SQUIRE Bookshop
Stationers & Newsagents

Photocopy Service - Book Binding Service - Lamination
Books Magazines - Cards - ETC

85, Manoel de Vilhena Str., Gzira. Tel: 2134 5254 - Mob: 9947 3328